# 69. Il-Kewkba tal-Maġi

Illum Ġesù, l'għamilna
is-satelliti kbar,
nafu li l-kewkba żgħira
li wriet lill-Maġi l-għar

Tiegħek ġo Betlem kienet
satellita mis-sbieħ!
Min kienu l-astronawti
li b'dawl felħan u sħiħ

Urew it-triq lill-Maġi?
Tas-satellita l-mol
fejn kien? u min varaha?
għidli min bnieha wkoll?

Ġesù, għalkemm tarbija
ta' Betlem fil-maxtura,
kont taf kollha s-sigrieti
u l-liġi tan-natura

Wisq qabel ix-xjenzati!
Ċkejkna tagħna l-imħuħ!
Fejjaqna mill-kburija
u salva tagħna r-ruħ!

Ġesù, mis-satellita
tiegħek ġewwa s-smewwiet
int raxxaxt dija kbira
li qerdet lill-imwiet;

Għallimna, Ġesù ċkejken,
li s-satelliti tagħna
ma jraxxux semm u ceasium
'mma ġid u riżq u għana!